Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 12

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 62

11 ta' Jannar 2019

Werrej

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Parlament Ewropew

2019/C 12/01 Laqgħa Plenarja ta' LX COSAC — 18-20 ta' Novembru 2018, Vjenna — Il-kontribut ta' LX COSAC 1

MT

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

LAQGĦA PLENARJA TA' LX COSAC

18-20 ta' Novembru 2018, Vjenna

Il-kontribut ta' LX COSAC

(2019/C 12/01)

1. IS-SIGURTÀ U L-ĠLIEDA KONTRA L-MIGRAZZJONI ILLEGALI

1.1. Il-COSAC tfakkar il-ħtieġa għal approċċ tal-UE komprensiv u unifikat għall-migrazzjoni, li jiżgura koerenza bejn il-politiki interni u esterni, jinkorpora r-rotot migratorji kollha u li jkun ibbażat fuq il-prinċipji u l-valuri li fuqhom hija msejsa l-UE. Għalhekk, jeħtieġ li ssir enfasi fuq politika ta' migrazzjoni legali, sikura u ordnata, b'kunsiderazzjoni xierqa tad-drittijiet għall-ażil u tal-prinċipju ta' non-refoulement. Rispons fit-tul u effettiv għall-isfidi umani, soċjali u politiċi tal-migrazzjoni irregolari u għaċ-ċaqliq sfurzat jitlob li tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu u mal-pajjiżi terzi li jospitaw rifuġjati, benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali jew dawk li jfittxu l-ażil bħala parti minn sħubija usa' sabiex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin ta' dawn il-fenomeni, u jintemm il-mudell kummerċjali tal-faċilitaturi ta' dħul klandestin. Il-COSAC tenfasizza wkoll il-ħtieġa għal Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil riformata, inkluża Aġenzija tal-UE għall-Ażil kompleta, li tkun imsejsa fuq bilanċ ġust bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà u tħeġġeġ l-implimentazzjoni tal-paragrafi 5 u 6 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-28 ta' Ġunju 2018.

1.2. Il-COSAC tqis li jridu jsiru sforzi akbar sabiex jiġu protetti l-fruntieri esterni tal-UE, bil-għan li jiġi evitat id-dħul irregolari fl-UE, jiġu indirizzati t-traffikar u d-dħul klandestin tal-bnedmin u jiġu evitati l-imwiet fil-baħar. Il-COSAC tirrikonoxxi l-importanza taż-żona Schengen u tar-riforma tagħha, inkluż l-avvanz tal-proċess ta' tkabbir taż-żona Schengen dment li jiġu ssodisfati l-kriterji kollha, bil-għan li jiġu mħarsa l-fruntieri esterni tal-UE. Din tissottolinja wkoll il-ħtieġa li r-ritorn effettiv tal-migranti irregolari jiġi intensifikat b'mod sinifikanti f'konformità mal-prinċipji fundamentali tal-liġi internazzjonali u tad-dritt tal-Unjoni. F'konformità mal-Konklużjonijiet ta' Ottubru tal-Kunsill Ewropew, il-COSAC temmen li l-ftehimiet ta' riammissjoni eżistenti jenħtieġ li jiġu implimentati bis-sħiħ, b'mod nondiskriminatorju fil-konfront tal-Istati Membri tal-UE kollha, u jiġu konklużi ftehimiet ta' riammissjoni ġodda formali, filwaqt li jinħoloq u jiġi applikat l-ingranaġġ meħtieġ billi jintużaw il-politiki, l-istrumenti u l-għodod tal-UE kollha rilevanti. Huma meħtieġa sforzi addizzjonali sabiex tiġi implimentata bis-sħiħ id-Dikjarazzjoni UE-Turkija vis-à-vis l-Istati Membri tal-UE kollha.

1.3. Il-COSAC tilqa' l-proposti tal-Kummissjoni fir-rigward tad-Direttiva dwar ir-Ritorn, l-Aġenzija għall-Ażil u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta ([1]), billi jiġi żgurat l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi u jiġu żviluppati standards minimi komuni ta' sorveljanza fuq il-fruntieri esterni, b'kunsiderazzjoni xierqa tar-responsabbiltà u tal-kompetenzi tal-Istati Membri u billi jiġi żgurat kontroll parlamentari effettiv. Fl-istess ħin, il-COSAC tistieden lill-partijiet ikkonċernati kollha jmexxu 'l quddiem id-diskussjonijiet bil-għan li jintlaħaq ftehim dwar ir-riforma tar-Regolament ta' Dublin li se tiżgura approċċ aktar ġust b'kondiviżjoni tal-piżijiet aktar effettiva.

([1]) COM(2018) 634 final u COM(2018) 633 final et COM(2018) 631 final.

Il-COSAC tissottolinja l-ħtieġa li tinstab soluzzjoni rapida għas-Sistema Ewropea Komuni tal-Aż̀il u tistieden lill-Kunsill ikompli jaħdem bil-għan li jasal għal konklużjoni malajr kemm jista' jkun.

1.4. Il-COSAC tfakkar li l-kapijiet ta' stat jew ta' gvern tal-UE organizzaw laqgħa informali f'Salzburg bejn id-19 u l-20 ta' Settembru 2018 biex jiddiskutu kwistjonijiet importanti relatati mas-sigurtà interna, filwaqt li ħadu rendikont tal-progress li nkiseb, u qablu, fost l-oħrajn, li jsaħħu l-ġlieda kontra l-forom kollha ta' ċiberkriminalità, manipulazzjoni u diżinformazzjoni. F'dan ir-rigward, il-COSAC titlob li jittieħdu miżuri sabiex jiġu miġġielda l-attivitajiet illegali u malizzjużi ċibernetiċi u dawk li jsiru permezz tal-internet u tinbena ċibersigurtà b'saħħitha fir-rigward tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari f'dak li jirrigwardja l-protezzjoni tal-privatezza. Il-ħidma fuq il-proposti kollha reċenti tal-Kummissjoni jenħtieġ li tiġi konkluża qabel it-tmiem taċ-ċiklu leġiżlattiv.

1.5. Il-COSAC tenfasizza l-importanza ta' miżuri li jkollhom l-għan li jsaħħu l-kapaċità ta' prevenzjoni u ta' rispons effettivi għar-radikalizzazzjoni u t-terroriżmu. Din tappoġġja l-passi reċenti li ttieħdu biex tittejjeb l-interoperabbiltà tas-sistemi tal-informazzjoni u tal-bażijiet tad-data kif ukoll biex jissaħħu l-kapaċità tal-ġestjoni ta' kriżijiet tal-Unjoni u l-koerenza u l-effettività tal-mekkaniżmi ta' rispons għall-kriżijiet tal-UE u dawk nazzjonali.

2. L-IŻGURAR TAL-PROSPERITÀ U TAL-KOMPETITTIVITÀ PERMEZZ TAD-DIĠITALIZZAZZJONI

2.1. Il-COSAC tenfasizza l-fatt li, sabiex il-prosperità u l-kompetittività tal-UE jiġu żgurati b'mod sostenibbli, il-qafas regolatorju tagħha jenħtieġ li jiżviluppa skont l-avvanzi teknoloġiċi rapidi. Huwa essenzjali li l-UE tevita b'mod konsistenti r-regolamentazzjoni żejda u tagħmel progress fl-oqsma tal-innovazzjoni u tad-diġitalizzazzjoni.

2.2. Il-COSAC tistieden lill-koleġiżlaturi kollha biex imexxu 'l quddiem b'mod rapidu l-ħidma li qed issir fir-rigward tal-proposti dwar it-tassazzjoni diġitali, li ġew ippubblikati mill-Kummissjoni f'April 2018, kif ukoll biex jimplimentaw il-proposti leġiżlattivi li fadal fir-rigward tas-Suq Uniku Diġitali, inkluża l-proposta dwar il-privatezza online, li hija l-aħħar strument meħtieġ biex isir l-aġġornament tal-qafas legali tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data qabel it-tmiem taċ-ċiklu leġiżlattiv attwali. F'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill Ewropew, il-COSAC tilqa' l-ħidma li għaddejja bħalissa mill-Istituzzjonijiet Ewropej u mill-Istati Membri dwar pjan ikkoordinat fir-rigward tal-intelliġenza artifiċjali.

2.3. Il-COSAC tilqa' l-fatt li l-proposta tal-Kummissjoni għal Orizzont Ewropa żżomm l-istrumenti ta' finanzjament stabbiliti sew iżda se tipprovdi wkoll impetu ġdid, kemm fir-rigward tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni kif ukoll tal-iżviluppi lejn orjentazzjoni tal-missjoni ta' riċerka u innovazzjoni aktar b'saħħitha. Il-COSAC tappoġġja l-iżvilupp tal-kapaċitajiet ewlenin tal-Programm Ewropa Diġitali bħall-computing ta' prestazzjoni għolja, l-intelliġenza artifiċjali, iċ-ċibersigurtà u l-ħiliet diġitali avvanzati kif ukoll l-iżgurar tal-użu u l-aċċessibbiltà wiesgħa tagħhom fl-ekonomija u fis-soċjetà kollha min-negozji u mis-settur pubbliku bl-istess mod. Barra minn hekk, ir-rispett għad-drittijiet fundamentali u b'mod partikolari d-drittijiet għall-ħajja privata u l-protezzjoni tad-data personali għandhom jiġu żgurati u inkorporati kif xieraq fl-iżvilupp ta' dawn l-inizjattivi.

2.4. Il-COSAC tinsab imħassba li d-disparità diġitali persistenti bejn is-sessi madwar l-UE qed tipperikola l-progress f'dan il-qasam. Fis-settur diġitali fl-Ewropa, in-nisa huma sottorappreżentati fil-livelli kollha. Għalkemm dan is-settur qed jikber b'rata mgħaġġla, filwaqt li qed jinħolqu mijiet ta' eluf ta' impjiegi ġodda kull sena, is-sehem tan-nisa f'dan is-settur qed jonqos. Sabiex tieħu azzjoni kontra dan l-iżvilupp, il-COSAC tappoġġja l-inizjattivi tal-Kummissjoni li għandhom l-għan li jiġġieldu l-isterjotipi, jinvestu u jtejbu l-kompetenzi diġitali, u li jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tan-nisa fl-intraprenditorija u l-innovazzjoni diġitali.

3. IL-BALKANI TAL-PUNENT / L-EWROPA TAX-XLOKK U L-VIĊINAT TAL-UE

3.1. Flimkien mal-Presidenza Awstrijaka tal-Kunsill tal-UE, il-COSAC tikkonferma mill-ġdid l-appoġġ u l-impenn imsaħħaħ tagħha biex tiżviluppa perspettiva tal-UE konkreta b'riżultati li jkunu jistgħu jitkejlu għas-sħab tal-Balkani tal-Punent / is-sħab tax-Xlokk tal-Ewropa skont il-prestazzjoni individwali tagħhom u abbażi ta' valuri u prinċipji komuni, bħad-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba, il-libertà ta' espressjoni u l-indipendenza tal-midja, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, ir-rikonċiljazzjoni u r-relazzjonijiet tajba bejn il-ġirien, flimkien mal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata.

3.2. Il-COSAC tilqa' d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar Kooperazzjoni Reġjonali u Relazzjonijiet ta' Viċinat Tajba, id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Persuni Neqsin u d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar id-Delitti tal-Gwerra li ġew iffirmati fis-Summit tal-Balkani tal-Punent li sar f'Londra fl-10 ta' Lulju 2018 fil-qafas tal-Proċess ta' Berlin, u l-Aġenda ta' Prijoritajiet ta' Sofija li ġiet adottata fis-Summit UE-Balkani tal-Punent, li sar f'Sofija, fis-17 ta' Mejju 2018. Il-COSAC tappoġġja l-Presidenza Awstrijaka tal-Kunsill tal-UE fit-tisħiħ tal-aġenda.

3.3. Il-COSAC tenfasizza l-ħtieġa li jiġu pprovduti fondi xierqa għall-Istati Membri ġodda potenzjali tal-UE fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss.

3.4. Filwaqt li tirrikonoxxi l-progress li sar mis-sħab Balkani tal-Punent / is-sħab tax-Xlokk tal-Ewropa, il-COSAC ittenni li jeħtieġ li jsiru aktar sforzi sabiex jiġu aċċellerati l-proċessi ta' riforma domestika, inkluż it-tisħiħ tal-istituzzjonijiet demokratiċi u r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, u jinkisbu riżultati irreversibbli u sostenibbli. Il-COSAC tissottolinja li jeħtieġ li jsiru wkoll sforzi kostanti u kontinwi biex jiġi indirizzat tilwim bilaterali pendenti fir-reġjun, inkluż tilwim dwar il-fruntieri, sabiex b'dan il-mod jiżdiedu l-istabbiltà u l-prosperità fir-reġjun. Il-COSAC tilqa' l-iżviluppi pożittivi fir-reġjun, speċjalment il-ftehim storiku bejn l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Greċja fir-rigward tat-tilwima dwar l-isem li ilha għaddejja għal ħafna żmien.

3.5. Il-COSAC tistieden lis-sħab Balkani tal-Punent / is-sħab tax-Xlokk tal-Ewropa biex isaħħu r-reżiljenza tagħhom bil-għan li jiddestabbilizzaw l-interferenzi barranin u d-diżinformazzjoni u jwettqu l-għażliet strateġiċi tagħhom billi jikkonformaw bis-sħiħ mal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE.

3.6. Sabiex tissottolinja l-importanza tal-pajjiżi ġirien kollha, il-COSAC tirrikonoxxi l-importanza tas-Sħubija tal-Lvant u tenfasizza l-fatt li s-suċċess tas-Sħubija tal-Lvant jista' jinkiseb biss bi sforzi konġunti mill-istituzzjonijiet tal-UE, mill-Istati Membri tal-UE kollha u mill-Istati Sħab tal-Lvant stess. Il-COSAC ittenni l-ħtieġa li jinżammu s-sanzjonijiet kontra r-Russja sakemm il-ftehimiet ta' Minsk jiġu implimentati bis-sħiħ.

3.7. Il-PESCO, bħala parti integrali mill-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-istabbiltà u għas-sigurtà fil-Kuntest ġeografiku tal-Unjoni Ewropea. Il-COSAC tqis din il-kooperazzjoni bħala strument għat-tisħiħ tad-difiża Ewropea.

4. **BREXIT — L-ISTAT ATTWALI**

4.1. Il-COSAC tirrikonoxxi l-fatt li fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew (Artikolu 50) li saret fis-17 ta' Ottubru 2018, il-mexxejja tal-UE27 affermaw mill-ġdid il-fiduċja sħiħa tagħhom f'Michel Barnier bħala l-Kap Negozjatur tal-Unjoni u d-determinazzjoni tagħhom li jibqgħu magħqudin. Il-COSAC tenfasizza li l-integrità tas-suq intern u l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar il-prinċipji tas-suq intern iridu jiġu ppreservati.

4.2. Il-COSAC tenfasizza li l-Ftehim tal-Ġimgħa l-Kbira jrid jiġi protett mingħajr l-ebda kundizzjoni minn kwalunkwe negozjar li jirriżulta sabiex iċ-ċittadini jingħataw soluzzjoni sostenibbli. Il-COSAC tenfasizza l-ħtieġa li tintwera solidarjetà fil-konfront tal-Irlanda.

4.3. Il-COSAC tilqa' l-abbozz tal-Ftehim dwar il-Ħruġ u tħejjiġ lill-Kap Negozjatur tal-Unjoni jkompli l-isforzi tiegħu sabiex jintlaħaq ftehim fir-rigward tad-Dikjarazzjoni Politika dwar ir-relazzjoni futura.

4.4. Il-COSAC tenfasizza l-importanza tal-kooperazzjoni fil-livell interparlamentari mar-Renju Unit wara l-Brexit, u se teżamina l-modalitajiet possibbli għall-kooperazzjoni kontinwa tagħha stess mar-Renju Unit ladarba jiġi konkluż il-Ftehim dwar il-Ħruġ u ladarba jsir magħruf il-qafas għar-relazzjonijiet futuri bejn ir-Renju Unit u l-UE.

5. **IL-POLITIKA DWAR IT-TIBDIL FIL-KLIMA U L-UNJONI TAL-ENERĠIJA**

5.1. Il-COSAC tafferma mill-ġdid l-impenn tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha biex jimplimentaw malajr u bis-sħiħ il-Ftehim ta' Pariġi u biex ikomplu jaqdu rwol ta' mexxejja fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, inkluż bl-adozzjoni ta' proposti leġiżlattivi pendenti fil-livell tal-UE. Il-Ftehim jibqa' fundamentali għall-isforzi globali biex it-tibdil fil-klima jiġi indirizzat b'mod effettiv f'livell globali. Fid-dawl tar-rapport reċenti mill-IPCC, il-COSAC tissottolinja l-ħtieġa li ż-żieda fit-temperatura medja globali għandha tiġi limitata għal ferm inqas minn 2 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali, u li jsiru sforzi sabiex din tiġi limitata għal 1.5 °C.

5.2. Il-COSAC tilqa' l-proġett tal-Unjoni tal-Enerġija u l-isforzi kollha li jimmiraw lejn politika dwar l-enerġija aktar sikura u sostenibbli. Il-COSAC tappoġġja l-approċċ komprensiv li jqieghed lill-Unjoni Ewropea quddiem nett fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u li jżid il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli. Fid-dawl tas-COP24 li se ssir fil-Polonja bejn it-3 u l-14 ta' Diċembru 2018, il-COSAC tittama li jiġu adottati regoli ta' implimentazzjoni ambizzjużi u komprensivi tal-Ftehim ta' Pariġi.

5.3. Il-COSAC tqis li l-proġett tal-Unjoni tal-Enerġija jista' jagħti kontribut sostanzjali biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi. B'mod partikolari, il-COSAC tissottolinja li l-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli tikkontribwixxi għall-ilħuq tal-għanijiet stabbiliti fil-Ftehim ta' Pariġi. Fl-istess ħin, l-użu tal-enerġija rinnovabbli jnaqqas id-dipendenza tal-Unjoni Ewropea fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija.

5.4. Il-COSAC tapprova miżuri li jwasslu għal adozzjoni rapida u komprensiva tal-Pakkett dwar l-Enerġija Nadifa, speċjalment il-passi kollha li ttieħdu għall-ħolqien ta' suq intern għall-elettriku u għat-titjib tal-istat ta' tħejjija għar-riskji tal-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, il-COSAC tilqa' l-ħolqien ta' sistema għall-governanza tal-Unjoni tal-Enerġija li tintegra l-ippjanar dwar il-klima u l-enerġija f'qafas uniku peress li dan joħloq mekkaniżmu ta' kooperazzjoni li jissorvelja l-implimentazzjoni tal-għanijiet tal-politika tal-UE għall-klima u l-enerġija għall-2030.

5.5. Il-COSAC tinnota li għadd ta' Stati Membri jiddependu fuq fornitur tal-enerġija uniku li jippreżenta sfida għall-Unjoni Ewropea - l-akbar importatur dinji tal-enerġija. Il-COSAC tappoġġja l-isforzi kollha li qed isiru biex jiġi mmassimizzat l-użu ta' sorsi tal-enerġija indiġeni mill-Unjoni Ewropea f'konformita sħiħa mal-miri klimatiċi u biex tiġi żgurata l-provvista tal-enerġija u tippromwovi d-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-enerġija. Il-COSAC tirrimarka li l-miżuri li qed jittieħdu biex jiġi protett l-ambjent u tiżdied il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli qed jikkontribwixxu wkoll għall-kompetittività tal-Unjoni Ewropea. F'dan il-kuntest, il-COSAC tenfasizza l-importanza tar-riċerka u l-iżvilupp. Barra minn hekk, il-COSAC tappoġġja l-promozzjoni ta' teknoloġiji tal-enerġija u soluzzjonijiet innovattivi ġodda.

5.6. L-enerġija trid tibqa' affordabbli għaċ-ċittadini u għan-negozji. Filwaqt li tappoġġja l-pjanijiet li jwasslu għall-protezzjoni tal-klima u tal-ambjent, il-COSAC tissottolinja li jrid jiġi żgurat futur sostenibbli għall-industrija u għan-negozji kif ukoll kompetizzjoni ġusta. Jeħtieġ li titqies l-affordabbiltà tal-enerġija u tal-kompetittività tal-industrija Ewropea. Iridu jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tal-industriji li jużaw ħafna enerġija.

5.7. Il-COSAC ittenni li l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima trid tibqa' wieħed mill-isforzi ewlenin fil-politika ambjentali tal-Unjoni Ewropea. Fl-istess ħin, ma jridux jiġu injorati kawżi oħra għat-tniġġis tal-ambjent. F'dan il-kuntest, il-COSAC tinnota li l-plastik u speċjalment il-mikroplastik jikkontribwixxi b'mod konsiderevoli għat-tniġġis, b'mod partikolari tal-ilmijiet interni u tal-oċeani. Il-COSAC temmen li huwa importanti li jiżdiedu l-attivitajiet kontra t-tniġġis tal-plastik u li jintemm l-użu tal-mikroplastik f'diversi gruppi ta' prodotti. Il-COSAC tapprova l-miżuri li għandhom l-għan li jnaqqsu l-iskart tal-plastik, speċjalment il-plastik li jintuża darba biss.

5.8. Il-COSAC tilqa' l-attivitajiet tal-programm LIFE tal-Unjoni Ewropea li jappoġġja l-azzjoni klimatika u l-proġetti relatati mal-konservazzjoni tal-ambjent u tan-natura madwar l-UE. Il-COSAC tissottolinja l-importanza ta' tali proġetti.

6. UNJONI EWROPEA TRASPARENTI EQREB TAĊ-ĊITTADINI TAGĦHA FID-DAWL TAL-ELEZZJONIJIET LI JMISS TAL-PARLAMENT EWROPEW

6.1. Il-COSAC tissottolinja r-rwol ewlieni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà biex iġib lill-Unjoni Ewropew eqreb taċ-ċittadini tagħha. Id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu b'mod kemm jista' jkun miftuħ u qrib iċ-ċittadini.

6.2. Il-COSAC tilqa' r-Rapport tat-Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u biex "Nagħmlu Anqas b'Aktar Effiċjenza" u l-Komunikazzjoni reċenti mill-Kummissjoni Ewropea "Il-prinċipji tas-sussidjajetà u proporzjonalità: Insaħħu r-rwol tagħhom fit-tfassil tal-politika tal-UE" u r-rakkomandazzjonijiet inklużi biex is-sussidjarjetà ssir attiva u viżibbli.

6.3. Il-COSAC tenfasizza li l-involviment xieraq tal-Parlamenti nazzjonali fit-tfassil tal-politika u fil-proċessi leġiżlattivi fil-livell Ewropew huwa ta' importanza ewlenija biex jiġi żgurat livell għoli ta' trasparenza, effiċjenza u aċċettazzjoni pubblika. Il-COSAC tħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Parlamenti nazzjonali u reġjonali, lill-awtoritajiet reġjonali u lokali, u lis-soċjetà ċivili biex jaħdmu flimkien bil-għan li jittejjeb l-iskambju ta' ideat bejn il-Parlamenti, l-awtoritajiet u ċ-ċittadini madwar l-Unjoni Ewropea.

6.4. Il-COSAC tilqa' l-proposti tal-Kummissjoni Ewropea biex tittejjeb il-komunikazzjoni mal-awtoritajiet reġjonali u lokali u biex jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tagħhom f'konsultazzjonijiet ġenerali. Il-COSAC tistieden lill-awtoritajiet reġjonali u lokali jintensifikaw l-interazzjoni tagħhom mal-Kummissjoni Ewropea.

6.5. Il-COSAC tqis ir-Rapport tat-Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u biex "Nagħmlu Anqas b'Aktar Effiċjenza" u l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea "Il-prinċipji tas-sussidjajetà u proporzjonalità: Insaħħu r-rwol tagħhom fit-tfassil tal-politika tal-UE" bħala bażi tajba għal aktar diskussjonijiet. Meta titqies l-fehma espressa mill-COSAC fil-Konklużjonijiet tat-LVIII COSAC fir-rigward tal-proċedura għat-twaqqif tat-Task Force, il-COSAC tenfasizza l-importanza li l-Parlamenti Nazzjonali u l-Parlament Ewropew jiġu mistiedna biex jieħdu sehem b'mod

attiv f'dawn id-diskussjonijiet. Fost l-oħrajn, dawn id-diskussjonijiet jenħtieġ li jkopru l-estensjoni tal-iskadenza ta' tmien ġimgħat għat-tressiq ta' opinjonijiet motivati fi ħdan il-qafas tal-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà billi jiġu eskluži l-perjodi ta' vaganzi mill-kalkolu u billi tiġi esplorata l-introduzzjoni ta' skadenza ta' tnax-il ġimgħa, kif ukoll il-kwistjoni dwar jekk il-Parlamenti nazzjonali għandhomx jingħataw l-opportunità addizzjonali li jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar il-proporzjonalità u l-bażi ġuridika ta' leġiżlazzjoni proposta f'opinjonijiet motivati, filwaqt li jitqies il-fatt li ċerti modifiki jistgħu jsiru mingħajr tibdil fit-Trattati. Il-COSAC ittenni li tapprezza l-hekk imsejjaħ mekkaniżmu tal-"karta l-ħadra" bħala estensjoni tad-djalogu politiku bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Parlamenti nazzjonali.

6.6. Il-COSAC tilqa' l-isforzi tal-istituzzjonijiet tal-UE sabiex tinkiseb aktar trasparenza. F'dan il-kuntest, il-COSAC tirrikonoxxi l-isforzi pendenti tal-Kunsill biex jirrevedi l-istandards leġiżlattivi dwar it-trasparenza tiegħu, u tilqa' t-talbiet għal trasparenza akbar mill-Ombudsman Ewropew u mill-Parlamenti nazzjonali. Il-COSAC se ssegwi bir-reqqa d-diskussjonijiet tal-Kunsill, filwaqt li se tistieden lill-Kunsill biex jirrapporta dwar kwalunkwe progress li jkun sar fir-rigward ta' dawn ir-riflessjonijiet fi żmien xieraq u ttenni l-konklużjonijiet kif iddikjarat fil-paragrafu 2.8 tal-Kontribut tas-Seduta Plenarja tat-LVIII COSAC (l-Estonja) u fil-paragrafu 2.6./2.7 tal-Kontribut tas-Seduta Plenarja tad-LIX COSAC (il-Bulgarija). Fir-rigward tal-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal reġistru ta' trasparenza obbligatorju, il-COSAC tistieden lill-partijiet ikkonċernati kollha biex jindirizzaw din il-kwistjoni b'mod kostruttiv.

6.7. Il-COSAC tenfasizza li r-rappreżentanza taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea fil-Parlament Ewropew hija msejsa fuq elezzjonijiet ħielsa u ġusti. Il-partiti politiċi fil-livell Ewropew iservu bħala rabta diretta bejn iċ-ċittadini u s-sistema politika, filwaqt li jikkontribwixxu għat-trasparenza u għal fehim aħjar tal-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

6.8. Fid-dawl tal-elezzjonijiet Ewropej li jmiss li se jsiru bejn it-23 u s-26 ta' Mejju 2019, il-COSAC tapprezza l-isforzi tal-istituzzjonijiet tal-UE biex isaħħu r-reżiljenza demokratika fl-Ewropa. L-iżgurar tat-trasparenza f'reklamar politiku online, il-kampanji li jiġġieldu kontra d-diżinformazzjoni, it-titjib tar-regoli dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u t-tisħiħ taċ-ċibersigurtà huma miżuri importanti sabiex jiġu miġġielda tipi ġodda ta' theddid għal elezzjonijiet ħielsa u ġusti.

6.9. Il-COSAC tħeġġeġ liċ-ċittadini Eworpej kollha biex jieħdu sehem b'mod attiv fl-elezzjonijiet Ewropej li jmiss. Barra minn hekk, il-COSAC ittenni li kull ċittadin tal-Unjoni Ewropea għandu d-dritt li jieħu sehem b'mod dirett fil-ħajja demokratika tal-Unjoni, fost l-oħrajn, permezz tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT